

Iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina fil-kappella tal-Kavallieri ġol-Katidral ta' San Ġwann. Xogħol ta' Mattia Preti (ara paġna 39).

# Ir-Restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann



**Dun Joe Abela**

## Restawr ta' San Girgor

Qed nieħdu tant pjaċir bħalissa naraw il-ħitan massiċċi tal-Knisja ta' San Girgor hawn fiż-Żejtun jiġu rrestawrati, Knisja fil-fatt dedikata lil Santa Katerina V.M. u li għal numru kbir ta' snin serviet bħala l-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun qabel il-bini tal-Knisja Parrokkjali preżenti. Diġà l-ħitan ta' barra tal-kappellun tal-lemin u l-ġenb tal-kursija ġew restawrati b'sengħa kbira: ġebel immermer ġie mibdul, sar tindif tal-faċċati kollha u l-fili ġew imkaħħlin tajjeb, biex jiġi evitat id-dħul ta' l-ilma. Il-ħajt tal-kappellun sofra ħsara enormi matul is-snin minħabba l-ilma tax-xita li jaqa' fuq iz-zuntier u jġelben lejn dan il-ħajt flok 'il bogħod minnu. Xi żmien ilu saru xi interventi biex din il-ħsara tiġi mwaqqfa, meta tqegħdu żewġ katusi, waħda fi żmien l-Arċipriet Dun Pantaleone Orland u l-oħra fi żmien l-Arċipriet Dun Karm Farrugia. Issa tqegħdet katusa ta' dijametru wisq akbar, biex l-ilma jinqabad minnha u jgħaddi għall-ġenb taċ-ċimiterju ta' Santu Rokku, għat-triq li tagħti għal Wied il-Għajn. Wara li tlesta r-restawr ta' dawn il-ħitan, issa beda r-restawr minn barra ta' wieħed mill-ħitan tal-kappellun l-ieħor, dak tax-xellug. In-naħa li qed tiġi restawrata, taħbat eżatt wara l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, artal li fl-imgħoddi kien iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan il-kappellun inbena fl-1593, u l-ieħor tal-lemin inbena fis-sena 1603, kif hemm indikat fil-kitbiet fir-rużuni fis-saqaf gotiku ta' dawn iż-żewġ kappelluni. Ir-restawr qed isir ġentilment mingħajr ħlas mir-***Restoration Unit*** tal-Gvern, iżda hi l-Parroċċa taż-Żejtun li trid toħroġ il-flus għall-materjal li jintuża: ġebel kbir, katusa, ramel eċċ.

## Rabta bejn San Girgor u l-Kappella ta' Santa Katerina

Sa ċertu punt, din il-Knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun, għandha rabta ma' waħda mill-isbaħ kappelli fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Qed nirreferi għall-Kappella ta' Santa Katerina V.M. li kienu jieħdu ħsiebha l-Kavallieri Taljani. Santa Katerina ta' Lixandra mhux biss kienet, u għadha, il-Patruna taż-Żejtun, iżda wkoll kienet il-Patruna tal-Kavallieri Taljani. Il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu maqsuma fi tmien Lingwi, u kull Lingwa (nazzjon) kellha l-Patrun jew il-Patruna tagħha. Kull Lingwa, barra l-kappella marbuta ma' l-***auberge*** tagħha, kellha kappella oħra fil-Knisja Konventwali (il-Kon-katidral tagħna). Barra minn hekk, jidher ukoll li dawn il-Kavallieri Taljani kellhom ukoll xi rabta mal-Knisja tagħna qadima ddedikata lil Santa Katerina (San Girgor); għaliex dawn iż-żewġ statwi tal-ġebel, ta' Santa Katerina V.M. u San Ewfemja, li llum hemm fuq il-presbiterju ta' San Girgor, qabel kienu fil-kappella Taljana f'San Ġwann. Meta l-Kavallieri Taljani ddeċidew li flokhom iqegħdu tnejn ta' l-irħam li ġiebu minn barra, huma taw dawn l-istatwi tal-ġebel lill-Knisja qadima taż-Żejtun. Lilna għamlulna l-isbaħ pjaċir, għaliex tawna xogħol sabiħ Malti! Hemm ukoll il-probabbiltà illi d-disinji (***reredos***) li jidhru jżejnu l-artal taż-Żejtun, kienu wkoll iżejnu fl-imgħoddi l-artal ta' Santa Katerina V.M. fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Kollox jipprova li l-Knisja Parrokkjali qadima taż-Żejtun fl-imgħoddi kienet għall-inqas miġjuba mhux ħażin mill-Kavallieri Taljani.

## Moviment favur ir-restawr

Dawn l-aħħar sentejn sar ħafna xogħol ta' restawr f'din il-kappella ta' Santa Katerina V.M. f'San Ġwann. Bħalissa f'Malta hawn moviment qawwi favur ir-restawr ta' diversi ġojjelli ta' l-arti u l-arkitettura. M'ilux smajna wkoll bir-restawr tal-Kappella tal-Lunzjata fil-Gudja. Bla dubju ta' xejn, il-Kon-katidral ta' San Ġwann hu wieħed mill-isbaħ teżori fl-Ewropa, peress li l-Kavallieri mhux biss kienu jużawh bħala l-aqwa knisja tagħhom għaċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi, iżda wkoll kienu jagħmlu spejjeż kbar fit-tiżjin tiegħu. Biex ma nżidx ukoll, illi d-diversi Lingwi kienu bħal speċi jimpikaw bejniethom dwar min iżejjen l-aħjar il-kappella tiegħu. Mhux ta' b'xejn huma kienu jalludu għal din il-Knisja bħala ***la nostra chiesa maggiore della Sacra Religione***. Il-Kavallieri kienu sinjuri kbar li kellhom ħafna artijiet fl-Ewropa kollha li kienu jirrendulhom dħul finanzjarju kbir. Għalhekk huma

setgħu jagħmlu din il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann bħal vetrina stupenda għall-okkażjonijiet statali speċjali tagħhom.

## Min ħadem fir-restawr

Ix-xogħol ta' restawr fil-kappella Taljana sar bl-għajnuna ta' fondi mill-Ħames Protokoll Taljan. Dr. Ray Bondin tal-***Valletta Rehabilitation Project*** ħadem id f'id ma' Dr. Claude Busuttil, Segretarju Eżekuttiv tal-Fundazzjoni tal-Kon-katidral, responsabbli għall-manutenzjoni ta' l-oġġetti ta' l-arti f'dan il-Kon-Katidral. ***L-Istituto Centrale per il Restauro*** f'Ruma ġie magħżul mill-Gvern Taljan biex jipprovdi l-għajnuna teknika meħtieġa għal proġett daqshekk importanti, iżda x-xogħol innifsu sar mid-***Ditta Sante Guido Restauro e Conservazione di Opere d'Arte***. Ir-restawraturi ħadmu taħt is-superviżjoni diretta ta' Dr. Sante Guido, megħjun minn Giuseppe Mantella, f'kollaborazzjoni ma' Dr. Keith Sciberras ta' l-Università ta' Malta. Ix-xogħol ta' djanjożi sar minn ***Studio Diana, Ideazione di sistemi tecnologici per l'Arte*** taħt id-direzzjoni tal-Prof. Maurizio Diana.

## Opri Artistiċi restawrati

Din il-Kappella tal-Lingwa Taljana ddedikata lil Santa Katerina V.M., qiegħda fir-raba' daħla tan-navi tax-xellug, u ġiet assenjata lill-Kavallieri Taljani fis-sena 1604. Allura, l-Kavallieri Taljani, li kienu jiċċelebraw f'din il-Kappella l-funzjonijiet proprji tal-Lingwa tagħhom, bħal naturalment il-festa ta' Santa Katerina kull sena nhar il-25 ta' Novembru, saru responsabbli għall-manutenzjoni u t-tiżjin tagħha. Il-ħitan ġew imżejna b'disinji skolpiti fil-ġebla u ndurati. Jispikkaw ħafna f'dawn id-disinji l-monogramma RC u l-pjanta tal-qoton, b'riferenza diretta għall-Gran Mastru Rafel Cottoner (1660 – 63), li fi żmienu saru dawn id-dekorazzjonijiet attribwiti lil Mattia Preti (1613 – 1699), il-famuż pittur Taljan li wkoll pitter il-magħruf kwadru ta' din il-Kappella: l-Gherusija Mistika ta' Santa Katerina V.M. Fil-fatt dan il-kwadru kien ġie restawrat ftit tas-snin ilu, qabel beda r-restawr tal-kappella nfisha. Il-Knisja tbati ħafna mill-problema ta' l-umdità, probabbilment effett tax-xogħol li kien sar fi żmien il-pesta tas-sena 1813.

Il-kuntratturi Taljani ħadmu wkoll fuq ir-restawr taż-żewġ lunetti li jirrappreżentaw żewġ episodji mill-ħajja ta' Santa Katerina V.M., ikkummissjonati minn Francesco Sylos għall-ħabta tas-sena 1660, kif ukoll fuq iż-żewġ statwi ta' Santa Katerina V.M. u San Ewfemja li diġà tkellimna dwarhom, u fuq it-tiżjin barokk madwar il-kwadru titulari, tiżjin disinjat minn Romano Carapecchia (1668 – 1738). Kwadru ieħor interessanti li ġie wkoll restawrat jirrappreżenta lil Santa Maria Maddalena, li jġib l-arma ta' Fra Ippolito Malaspina, u li aktarx sar fl-ewwel snin tas-seklu 17. Dan il-kwadru kien sar biex jakkumpanja l-pittura magħrufa ta' San Ġirolmu, xogħol il-famuż Michelangelo Merisi da Caravaggio (1571 – 1610), u li bħalissa jinsab fl-Oratorju ta' l-istess Kon-Katidral. Il-koppla baxxa tal-Kappella, koppla li saret ftit snin biss qabel dik ta' San Girgor fiż-Żejtun, fiha medaljun bid-data 1576 u isem il-Gran Mastru La Cassiere (1572 – 81). Bħall-koppli l-oħra ta' l-istess Knisja, din sofriet ħsara mill-ilma tax-xita li daħal u b'hekk kien il-kawża tat-telfa kważi sħiħa ta' l-induratura. Allura kellu wkoll isir xogħol ta' restawr fuq il-koppla minn barra biex tieqaf darba għal dejjem il-ħsara mill-ilma.

## Il-monument ta' Gregorio Caraffa

Il-kappelli kollha, barra dik tal-Ġermanja, fihom monumenti mill-aktar artistiċi fl-irħam. Il-parti l-kbira ta' dawn il-monumenti saru fi żmien il-Gran Mastri ta' kull Lingwa partikulari. Din il-Kappella Taljana fiha l-monument tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680 – 90), monument li jinkludi bust tal-bronż ta' l-istess Gran Mastru, bejn żewġ anġli attribwiti lill-iskultur Ciro Ferri (1624 – 1689). Wara dan il-bust, li naturalment ġie wkoll restawrat, hemm xena unika li tfakkar ir-rebħa ta' l-Insara fil-Battalja Navali tad-Dardanelli f'Ġunju, 1656. F'din il-battalja Gregorio Caraffa kien il-Kaptan Ġenerali tal-flotta ta' l-Ordni li tat sehem wisq importanti f'din ir-rebħa Nisranija. Il-Kavallieri, li s'intendi kellhom ukoll Maltin fuq ix-xwieni tagħhom, kienu qed jgħinu lix-xwieni Venezjani taħt il-kmand ta' l-ammirall Lorenzo Morocello. Din ix-xena fl-irħam daqshekk importanti, iżda sfortunatament moħbija wara l-bust ta' Caraffa, ġiet naturalment ukoll restawrata.

## Dun Gino Gauci Kappillan tat-Taljani

Ma nistax nispiċċa dan l-istudju tiegħi mingħajr ma nsemmi s-saċerdot Żejtuni Dun Gino Gauci, Kappillan tal-komunità Taljana f'Malta. Naturalment Dun Gino kellu wkoll sehem f'dan ix-xogħol, jekk mhux fiżikament, żgur bl-insistenza u t-taħbit tiegħu. Ilkoll nafu kemm Dun Gino jħobb lil Santa Katerina, u aħna konvinti li fil-futur għad ikompli, kif fil-fatt qed jagħmel dwar il-Kappella marbuta ma' l-*Auberge d'Italie*, jistinka biex l-arti f'Malta marbuta mal-Patruna tagħna Santa Katerina, tiġi dejjem aktar apprezzata.





**Il-kappella ta' Santa Katerina ta' Lixandra fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Valletta.**

*(Dettalji tar-restawr ara paġni 39 u 40.)*